# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI

F'dan il-Qari tas-sena 1926, konna ġibna kitba fuq id-dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi. F'dak li għedna, semmejna, fuq fuq, kif kien id-dwell bejn John Williams u ieħor li kien jismu Morton. Iżda billi m'ilux ġie l-Proċess tagħhom f'idejna, intbaħna, meta qrajnieh, li l-biċċa tad-dwell bejn Williams u sieħbu, f'xi bnadi, ma taqbel xejn ma' kif kien qal *il-Mediterraneo* tal-1842. Għalhekk ser nerġgħu nġibu fuq id-dwell f'Malta biex, barra milli jissewwew xi għeltijiet li ħarġu fil-kitba li ġibna, il-karrejj isib ukoll tagħrif ġdid fuq il-Ġrajja tad-dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi ħwejjeġ li ma humiex miġjuba f'dan il-Qari ta' l-1926.

Il-Ġrajja sewwa tad-dwell ta' John Williams kienet hekk, kif ser ingħidu.

Dana Williams kien jieħu ħsieb jixtri l-ikel għal biċċa tal-gwerra Ingliża *Regulus.* Għalhekk kienu jgħidulu *Agent Provvditur*, ingħidu aħna bħal *Messman* tal-lum.

Fid-19 ta' April 1813, waqt li r-*Regulus* kien ankrat fil-Port il-Kbir, John Williams, għall-ħabta ta' l-erbgħa u nofs ta' wara nofs-in-nhar, kien bil-qiegħda ma' ġenb il-mejda tal-*Mess* tal-fizzjali. F'idejh kellu tazza u beda jilgħab biha, billi beda jbandalha u x-xfar tal-qiegħ tagħha jħabbathom ma' wiċċ il-mejda. Fl-istess kamra tal-*Mess*, quddiem Williams, kien hemm it-tabib tar-*Regulus*, Dr. Alexander Morton. Fit-tieka tal-*Mess*, iħarsu għal barra, kien hemm ukoll il-Patrun Guliermu Sadler u t-Tenent Dwardu Calleway.

It-taħbit tat-tazza mal-mejda dejjaq lit-tabib Morton. Għalhekk dan qal lil Williams: Xi ksuħa ta' logħob hu dan: dejjaqni u xebbagħni nisimgħu. Iżda Williams wieġbu: Jekk dan it-taħbit dejjaq lilek, lili q'ed igħaddili ż-żmien. Morton reġa' qallu: Il-mejda tal-*Mess* m'hix qiegħda għal din il-għamla ta' logħob li jdejjaq. Williams wieġbu: Jiena narah xieraq u ma nsib xejn fih li jista' jitmaqdar, q'ed jogħġobni, u għalhekk ma għandi noqgħod nistaqsi lil ħadd jekk jiddejjaqx b'dan il-logħob qabel ma nissokta nagħmlu. Hawn Morton qallu: Naħseb li dan il-logħob lil sħabi ma jogħġobhomx iżjed milli q'ed jogħġob lili, iżda jiena għandi ħila li nwaqqfek minn dan il-logħob, jekk trid tas-sew tissokta iddejjaqni bih.

Għal dan il-kliem ta' Morton, Williams għadab għal darba u qal: Il-għamil tiegħi huwa sewwa u ta' sinjur, u għalhekk ħadd ma jista' jmaqdru bħal ma jista' wieħed imaqdar il-għamil ta' xi wħud minn sħabi.

F'dal-waqt dar lejhom Calleway u ħa sehem mat-tabib, billi qal lil Williams: La darba għidt li s-sinjur fostna huwa int biss, għax ma titlaqniex u tmur fl-appartament tiegħek? Williams wieġbu, li m'hux tas-sew li qal hekk, fil-ħin li dar fuq Sadler u Morton u talabhom li jsaħħu kliemu. Iżda dawn weġbuh, li għalkemm huwa ma qalx kelma b'kelma bħal ma qallu Calleway, imma bli qal, daqshekk ta li jifhem lil kullħadd. Hawn Calleway beda jidħak; iżda Williams dar fuq Calleway u qallu: Bid-daħk tiegħek q'ed turi kemm int għadek l-ura. Imbagħad Williams reġa' ċaħad li qal hekk, u issokta jgħid li din tagħhom hi gidba ħoxna u mill-kbar nett. Iżda Calleway qallu: La darba q'ed tiċħad, ingħidlek li int infami, dannat, brikkun. Williams wieġbu: Ikollok tatani sudisfazzjon ta' dan li għidtli; dac is-sudisfazzjon li kull min hu sinjur jinsab fid-dmir li jitlob. Calleway qallu: Natik kull ma titlobni. Hawn Williams qal lil Calleway: Jekk għada fil-għodu tixtiek tarani, niltaqgħu l-art. Calleway wieġbu: Kollox sew, niltaqgħu l-art.

Wara din il-ftehima ta' Williams ma' Calleway, Morton dar fuq Williams u qallu: Jekk jogħġbok, sinjur, int ma intbaħtx għal kollox, li bil-kliem tiegħek ma' Calleway, inqast ħafna u ma ġibtx ruħek sewwa u bħalma jixraq lil sinjur. Iżda Williams wieġbu: Din biċċa ta' bejn Calleway u bejni biss, u għalhekk int ma' għandekx tindaħal. Sejjer imqarraq, wieġbu Morton, għax il-Membri huma fid-dmir li jindaħlu f'kull ħaġa li tiġri fil-*Mess*, biex ma jħallux li jsir għemil m'hux xieraq lil sinjur. Hawn Williams qal li hu kien ġdid fil-bastiment, u l-għemil ta' sħabu (ta' Morton u l-oħrajn) hu hekk bla ġieħ u vili li ma jixraqx lil sinjur. Iżda Morton qallu: Jien ma għandi xi ngħidlek xejn iżjed, ħlief li dil-biċċa bi ħsiebni ngħaddiha l-quddiem.

Il-ħsieb ta' Morton kien, li, dak li ġara fil-*Mess*, iġibu il-quddiem f'Korti Marzjali; u, għal dil-biċċa, mar igħarraf b'kollox lill-ewwel Tenent Drane.

Calleway baqa' abbord, u Williams mar jikteb fuq l-iskrivanija u wara ftit niżel l-art.

Il-għada ta' dan it-tlewwim abbord tar-*Regulus*, jum li kien il-20 ta' April 1813, għall-ħabta tas-sitta ta' fil-għodu, Williams u Calleway iltaqgħu flimkien il-Belt. Tkellmu ma, xulxin, u baqgħu ħerġin minn Putirjal għall-Furjana. Waqt

li kienu mixjin, iltaqgħu ma' wieħed Ingliż, jismu Japselis. Dan ġie mitlub minn Williams biex iservih ta' parrin fid-dwell; imbagħad dar fuq Calleway u qallu, quddiem Japselis: Tiftakar x'għidtli l-bieraħ? Iżda Calleway wieġbu: Jien ma ġejtx hawn biex nitlob skużi. Għal dan il-kliem Williams staqsa lil Calleway jekk għandux xi ħabib biex jagħmilha ta' parrin tiegħu, u Calleway wieġbu li b'dil-biċċa ma qal lil ħadd. Fuq hekk, Williams qallu: Jien ma nidwellax miegħek jekk ma ġġibx parrin. Iżda Calleway reġa' qallu li ma għandu l'ħadd ħabib. Williams wieġbu li għandu l-Kaptan Chilicott, fil-ħin li ried li jerġgħu l-ura. Imma Calleway qallu: Dan is-Sinjur (għal Japselis), jista' jagħmilha ta' parrin għat-tnejn. Għat-tweġiba ta' Calleway, baqgħu sejrin lejn fejn kellhom jiddwellaw.

Meta waslu fuq il-post tad-dwell, Williams talab lil Calleway li jisilfu pistola minn tiegħu. Iżda Calleway wieġeb li ma' ġiebx pistoli miegħu, għax minn għalih dawn se'r iġibhom Williams. Fuq hekk reġgħu l-ura lejn Putirjal, u Williams ġie mqabbad biex imur jissellef żewġ pistoli. Williams mar fuq wieħed ħabib tiegħu, jismu Lambert, Quartermaster tal-*West Yorkshire Regiment*, u talbu jisilfu żewġ pistoli biex bihom jiddwella ma' wieħed fuq li kellu xi igħid miegħu. Iżda billi Lambert ma kellux pistoli tiegħu, mar jissellef tnejn, minn għand il-Fizzjal Ramsis ta' l-istess Riġiment, u tahom lil Williams flimkien mal-balal u l-polvri. Williams mar bil-pistoli fejn Japselis u Calleway, u t-tlieta flimkien reġgħu marru fil-post tad-dwell, fuq wieħed mis-swar tal-Furjana li jatu għall-port ta' Marsamxett, imsejjaħ *Misida Bastion*, f'għalqa li kien hemm.

X'ħin waslu fil-post, Japselis mela l-pistoli u tahom f'idejn Williams u Calleway, fil-ħin li qallhom li malli jitfa' il-kappell fl-art, jistgħu jisparaw għal xulxin.

Williams u Calleway tbiegħdu tnax-il-pass wieħed minn l-ieħor, u, mas-sinjal ta' Japselis, sparaw fuq xulxin, bla ħadd minnhom ma ġie milqut. Fuq hekk Williams ried li jsewwu il-biċċa ta' bejniethom, u Calleway ma riedx. Iżda billi ma kienx fadal polvri biex jerġgħu jimlew il-pistoli mill-ġdid, għax li kellhom żejjed kien inxtered fl-art meta kienu mlew il-pistoli, Japselis ġie mitlub biex imur u jġib xi polvri aktar. Japselis hekk għamel, mar u reġa' ġie l-ura bil-polvri miegħu.

Wara li mlew il-pistoli mill-ġdid, Williams ħareġ xi ittri mill-but u qiegħdhom fl-art, fil-ħin li talab lil Calleway, li jekk huwa (Williams) jiġi nieqes, jibgħathom fl-indirizz tagħhom. Barra minn hekk, qallu wkoll, li fil-but kellu xi flus u billi

kellu jati lill-Prim Tenent tar-*Regulus*, talbu li jħallsu bihom. Calleway wieġbu li jagħmel kull ma' talbu. Imbagħad reġgħu tbiegħdu tnax-il-pass, u Calleway qal lil Japselis li jerġa' jagħmel is-sinjal, billi jitfa' l-kappell fl-art. Japselis hekk għamel, u, mas-sinjal ta' Japselis, sparaw fuq xulxin. Ma l-isparatura, Calleway waqa' fl-art. Williams mar fuqu biex jistaqsih fejn ġie midrub; iżda Calleway, għalkemm iċċaqlaq ftit, ma tkellem xejn, għax baqa' mejjet.

Il-balla għamlet dawra orizzontali ġo sider Calleway u reġgħet ħarġet il-barra minn ġismu. Calleway ġie milqut taħt abtu l-lemenija, u l-balla baqgħet dieħla ġo sidru, nifditlu l-pulmuni, ħabtet mal-għadma tas-sinsla ta' dahru, reġgħet l-ura, nifditlu qalbu, baqgħet ħierġa min-naħħa ta' sidru tax-xellug u waqfet ma' ħwejġu, sewwa sew taħt il-qmis.

Dan id-dwell sar għal ħabta tas-sebgħa u nofs ta' fil-għodu.

Wara d-dwell, Williams flimkien ma' Japselis telqu minn fejn kienu, u wara li ħarġu minn taħt il-mina ta' fejn iċ-Ċimiterju ta' l-Ingliżi (il-lum misduda bil-ġebel), lemħu lil Lambert u lil Ramsis jippassiġġaw flimkien fix-xagħra ta' wara il-Mall. Dawn marru fukhom u qalulhom li l-ieħor ġie ferut. Lambert qal lil sieħbu Ramsis, biex imur u jġib tabib, kif dan hekk għamel. Imbagħad Lambert, Williams u Japselis marru fejn il-mejjet. Wara ftit laħqu Ramses u t-tabib Frigg tar-Riġiment *West Yorkshire*; iżda meta dan rah sewwa, sab li Calleway huwa mejjet ġà. Fuq hekk lil Williams qalulu biex jitlaq u jwarrab.

Williams flimkien ma' Japselis u t-tabib Frigg telqu lejn il-Belt. Williams ħa l-pistoli miegħu u ħallihom għand il-ħaddied Ingliż (Ġużè Tanselis), li kien bil-ħanut taħt il-Mina li semmejna, biex jatihom lil sidhom, il-fizzjal Donn.

Williams kien bil-ħsieb li jmur għand l-Armirall u jgħidlu bil-biċċa kollha; iżda meta wasal il-Belt, iltaqa' ma' wieħed legali Ingliż u qallu biex jaħrab u jmur jistaħba, ħalli b'hekk jeħles mill-ħabs, sa kemm tibda l-proċedura tal-Korti kontra tiegħu, skond id-drawwa tal-Ligi Ingliża.

Ftit passi bogħod minn fejn sar id-dwell, kien hemm rixtellu, li minnu tgħaddi għas-swar, u fejnu kien hemm għassa tas-Suldati Sqallin, tar-Riġment *Real Sicilia*, billi mas-swar kien hemm il-kanuni.

Wara li Williams, Japselis u t-tabib Frigg telqu minn fejn il-mejjet Calleway, Lambert u Ramsis marru fejn il-kapural tal-għassa (Salvu Majelli), u, barra milli qalulu, li fil-kontra foss hemm raġel mejjet, talbuh ukoll li jgħarraf b'dan

lill-Ajjutant tar-*Real Sicilia*. Majelli bagħat lill-kapural Cikku Orefici biex igħid lill-Ajjutant jiġi, u bagħat ukoll żewġ Suldati Sqallin oħra (Ġakbu Molina u Ġużê Cabarini) maż-żewġ Ingliżi, ħalli juruhom fejn jinsab il-mejjet.

Kif waslu fejn il-mejjet Calleway, iż-żewġ Ingliżi ġabru mill-art żewġ balal, li kienu ħdejn il-mejjet, u xi bċejjeċ tal-karti. Dawn tefgħuhom fil-but, għalkemm Molina qallhom biex ma jmissu xejn u jħallu kollox kif inhu.

Il-karti mqatta' li refgħu kienu xi wħud mill-bċejjeċ tal-biljett li Williams kien kiteb biex jibagħtu lil Calleway ħalli jistiednu għad-dwell. Dawn kienu ġew mogħtija f'idejn l-Armirall u fil-Proċess li sar il-kitba ta' dawn il-bċejjeċ tal-karti, ġiet magħrufa minn xi wħud min-nies stess tal-bastiment *Regulus* li hi ta' Williams.

Wara li Lambert u Ramsis ġabru l-ħwejjeġ li semmejna, riedu jitilqu minn hemm, iżda Molina ma ħallihomx u żammhom sa kemm ġie l-Ajjutant tar-*Real Sicilia*, jismu Georges King. Meta ġie l-Ajjutant, ra l-mejjet, u imbagħad telaq flimkien maż-żewġ Ingliżi, u qallhom li hu dmir tiegħu li igħarraf b'kollox lit-*Town Mayor*.

Hekk kif it-Tribunal Kriminali tal-Korti l-Kbira tal-Belt ġie mgħarraf bid-dwell li sar il-Furjana, fejn il-*Misida Bastion*, ġiegħel li jsir l-aċċess ta' kollox. It-tobba kienu l-Protomedico Luigi Caruana u Awrelju Badatt, Tabib tal-Korti. Wara inġabru x-xiehda, biex isir il-Proċess, u l-Ispettur Generali Rivalora (Kurunell tar-Riġment *Real Sicilia* u Kap tal-Puluzija ta' Malta ta' dak iż-żmien), ġiegħel lil Manwel Ġellel (Logutenent tal-Prim Ajjutant tal-Puluzija) biex ifittex u jsib lil Japselis u lil Williams, jarrestahom u jressaqhom quddiem il-Korti.

Iżda Japselis staħba u ma nsab imkien. Għalhekk Gellel mar fid-dar ta' Japselis, qabad ħwejġu kollha u telaqhom f'idejn il-Korti.

John Williams mar staħba f'Lukanda Bormla, fejn hemm ġie misjub, fil-21 ta' April 1813, minn Gellel u mill-Captan ta' bil-lejl ta' Bormla, Ċensu Valenzia. Hekk kif Williams lemaħ in-nies tal-Puluzija fuqu, beda jitriegħed bil-biża', qal xi kliem u għamel is-swaba' ta' idejh ma' dwar għonqu, fejn b'hekk ried ifisser ruħu li hu spiċċa mid-dinja għax se'r jiġi mgħallaq żgur.

Williams għadda Proċess fil-Korti tagħna tal-Belt, u, wara li nstemgħu x-xiehda u l-Avukat difensur tiegħu, li kien Dr. J. B. Bonavita, baqa' miżmum fil-ħabs tal-Kistlanija l-Kadima, li kienet tiġi fi Sda. Mercanti.

Iżda wara xi żmien li Williams kien ilu l-ħabs, għamel petizzjoni lill-Gvernatur. F'dina qallu li ilu 5 xhur il-ħabs tal-Korti l-Kbira tal-Belt, billi ġie mixli fuq qtil fi dwell. Fuq hekk barra milli tilef il-post li kellu bħala Provvditur fuq ir-*Regulus*, sab ruħu f'qagħda kiefra ta' ħabsi. Iżda billi jaf kemm hu (il-Gvernatur) tal-ħniena, talbu li jkollu ħniena minnu u jeħilsu mill-ħabs, billi jqis u jiżen il-ħabs twil li għamel u l-impieg li tilef, impieg li bih kien qiegħed igħix.

Għal din il-petizzjoni, il-Gvernatur qabbad tliet Imħallfin biex igħarblu l-Proċess ta' Williams u jagħmlu rapport tiegħu lill-Gvernatur. It-tliet Imħallfin kienu Ċensu Bonavita, Ġużè Zahra u Salvu Scifo.

Wara li t-tliet Imħallfin flew il-Proċess ta' Williams, ma qablux bejniethom dwar ir-Relazzjoni li kellhom jagħmlu lill-Gvernatur. Tnejn kienu favur u wieħed kontra, għalkemm ir-Rapport iffirmawh it-tlieta, Rapport li minnu ħadna dan li hawn taħt se'r inġibu.

Tnejn mill-Imħallfin, fir-Relazzjoni li għamlu, fis-7 ta' Settembru 1813, lill-Gvernatur, tefgħu l-ħtija kollha, ta' kull ma ġara, fuq Calleway, imħabba li dan indaħal, fejn ma kienx jesgħu, bejn Williams u Morton. Calleway bi kliem iebes riegħex lill-Williams, u dan kien biż-żejjed biex iqajjem il-qilla f'żagħżugħ li jkun għajjur għal ġieħu. Terġa' billi bejn il-ġlieda u l-qtil ma għaddiex żmien ħlief tnax il-siegħa, aktarx li wieħed jista' jsejħilha ġlieda li ma qatgħetx. Fuq hekk, Williams jidher li iżjed hu ħati ta' qtil fi ġlieda, milli fi dwell. Barra minn hekk, Williams ta' kelma sewwa, li m'hux biss ma bagħat l-ebda biljett għad-dwell, iżda wkoll qal li wara l-ewwel sparatura, li biha ma ġie milqut ħadd, ried li ma jissuktawx jiddwellaw iżjed, fil-ħin li Calleway ma riedx. Din il-biċċa tissokta tnaqqas ħafna mill-ħtija ta' Williams, għax dan, imbagħad, kellu jiddwella bilfors biex ma jaqax taħt il-qilla ta' sieħbu. Tassew li hemm il-Liġijiet kontra d-dwell, iżda dawn qatt ma seħħu sewwa fuq min jiddwella. Dan in-nuqqas li ma ġewx imseħħin hu biż-żejjed biex il-ħati jeħles il-piena tal-mewt imhedda mil-Liġi Muniċipali, Lib. V, Kap. 4, Par. 22. Iżda billi l-istess Liġi Muniċipali Par. 21 tgħid, li dawk li jiddwellaw, u fid-dwell ma jsirx qtil, jeħlu 10 snin ħabs, iż-żewġ Imħallfin dehrilhom, li kif kienet il-biċċa, il-qtil fi ġlieda kien barra t-termni sewwa tad-dwell. Għalhekk Williams, qalu, li kellu jiġi mwaħħal 10 snin ħabs, li jibdew igħ oddu minn dak il-jum li fih ġie arrestat. Iżda, billi ma ta wieħed ikun bniedem sewwa, il-Liġijiet tal-pajjiż iqisu

il-għamla ta' dak li jkun meta dawn kienu jatu l-pieni lil-ħatja, talbu li l-piena ta' Williams tkun ta' 5 snin ħabs biss.

Wara kull Relazzjoni li dari kienet issir mill-Korti lill-Gvernatur, u li fiha l-Imħallfin kienu jatu l-fehma tagħhom, kien jibqa' fir-rieda tal-Gvernatur, jekk dana jagħmilx bħal ma qalulu l-Imħallfin, inkella bħal ma kienu jgħidulu l-Udituri tiegħu, billi, fiż-żmenijiet li q'ed insemmu, il-Gvernaturi kienu jindaħlu fil-Krati. Għalhekk, fl-aħħar tar-Relazzjoni, l-Imħallfin kienu jżidu u jgħidu, li se'r iħallu f'idejn il-Gvernatur biex jaqta' hu x'għandu jsir.

Bir-Rapport kollu li sar mill-Imħallfin, ma sibna li ġie maqtugħ xejn dwar il-biċċa ta' Williams. Iżda fis-27 ta' Jannar 1814, kif insibu fil-Mss. tal-Bibljoteka, Għadd 430, il-Gvernatur Maitland ġiegħel li jiġu meħlusa xi nies mill-ħabs. Fost dawk li ġew mibgħuta l-barra mill-ħabs, insibu wkoll li ġie meħlus John Williams, dak li, skond il-fehma ta' l-Imħallfin, mill-anqas kellu jiġi mwaħħal 5 snin ħabs, fil-ħin li Maitland bagħtu l-barra ħieles minn kollox.

Ġużê Gatt.